



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

---

**2010/2016(INI)**

7.10.2010

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-garanzija ta' stimi tal-impatt indipendenti  
(2010/2016(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Derk Jan Eppink

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-Parlament bosta drabi enfasizza li l-indipendenza tal-istimi tal-impatt hija garanzija tal-kwalità tal-leġislazzjoni, u ripetutement talab li l-istimi jsiru soġġetti għal skrutinju estern u indipendenti;
- B. billi l-Kummissjoni tqis li l-Bord dwar l-Istimi tal-Impatt (IAB) huwa indipendenti minkejja li jinsab taħt l-awtorità tal-President tal-Kummissjoni u huwa magħmul minn uffiċjali għolja minn diversi Direttorati Ġenerali u ppresedut mill-Viċi Segretarju Ġenerali; billi dan iwassal għal informazzjoni mxaqilba u għaldaqstant għal ksur tan-newtralità meħtieġa,
- C. billi l-istimi tal-impatt jistgħu jintużaw biex jinħolqu ostakli burokratiċi bla bżonn għall-iżvilupp ulterjuri jew għad-dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni jew politiki Ewropej,
- D. billi m'hemm l-ebda stampa ġenerali ċara la tal-kost totali tal-istimi tal-impatt u lanqas analiżi tal-kost tagħhom għad-Direttorati Ġenerali rispettivi,
  - 1. Iqis li l-proċess ta' l-istimi tal-impatt jeħtieġ li jkun soġġett għal kontroll tal-kwalità indipendenti u estern;
  - 2. Jemmen li l-kompożizzjoni u l-lokazzjoni attwali tal-IAB ma jaqblux mar-rekwiżit għal stimi tal-impatt indipendenti, minħabba li huwa nieqes l-iskrutinju estern;
  - 3. Iqis li proċess indipendenti ta' kontroll tal-kwalità, flimkien ma' analiżi tal-kost u l-benefiċċji għandu jevalwa, inter alia, il-ħtieġa ta' stima tal-impatt, fil-qies tal-kosts u tad-dewmien li din tikkawża għal-leġislazzjoni u l-politiki;
  - 4. Jistieden lill-Kummissjoni tfittex tispira ruħha mill-aqwa prattiki fl-Istati Membri għall-garanzija ta' stimi tal-impatt indipendenti, u jenfasizza l-ħtieġa li l-Parlament juża stimi tal-impatt immirati biss f'każijiet fejn il-leġislazzjoni tinbidel drastikament waqt il-proċedura ta' kodeċizzjoni.

## RIŻULTAT TAL-VOT FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	28.9.2010
<b>Riżultat tal-vot finali</b>	+: 29 -: 11 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Burkhard Balz, Udo Bullmann, Pascal Canfin, George Sabin Cutaş, Rachida Dati, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Diogo Feio, Markus Ferber, Elisa Ferreira, Vicky Ford, José Manuel García-Margallo y Marfil, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Liem Hoang Ngoc, Gunnar Hökmark, Othmar Karas, Wolf Klinz, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Philippe Lamberts, Werner Langen, Íñigo Méndez de Vigo, Sławomir Witold Nitras, Ivari Padar, Antolín Sánchez Presedo, Edward Scicluna, Peter Simon, Peter Skinner, Theodor Dumitru Stolojan, Kay Swinburne, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells, Corien Wortmann-Kool
<b>Substitute(s) Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Elena Băsescu, David Casa, Ashley Fox, Sophia in 't Veld, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Siiri Oviir, Gianni Pittella